MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 1322/1998/1

**William Bugeja**

**vs**

**Brian Tyre Services Limited**

Il-Qorti,
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-1 ta' Lulju, 1998 fejn wara li ppremetta illi l-attur kien gie kkundannat ihallas hames mija u seba' liri Maltin (Lm507) permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Michael Mallia tat-12 ta' Jannar 1998 fl-ismijiet *Brian Tyre Services Limited vs William Bugeja* (Avviz Nru 1807/97MM).

Illi l-attur qatt ma gie notifikat bl-avviz imsemmi u konsegwentement qatt ma deher fil-kawza.

Illi skond ir-referta relattiva fl-atti ta' l-avviz fuq imsemmi n-notifika saret fl-indirizz 25, Triq in-Nahal, Qormi.

Illi dan l-indirizz, ossia 25, Triq in-Nahal, Qormi mhux ir-residenza ta’ l-attur.

Illi l-attur sar jaf ricentement bil-kawza, ossia meta gie notifikat b’mandat ta’ qbid.

Illi ghalhekk hemm lok ghal ritrattazzoni taht l-artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-attur jixtieq jattakka l-kapi kollha tas-sentenza fuq imsemmija.

Il-konvenut ighid il-ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna t-thassir, ir-revoka u l-kancellament tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr Michael Mallia tat-12 ta’ Jannar 1998 fl-ismijiet *Brian Tyre Services Limited vs William Bugeja* (Avviz Nru 1807/97MM).

2. Tordna r-ritrattazzjoni mill-gdid tal-kawza msemmija fl-ewwel talba.

Bl-ispejjez. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess attur

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi, in linea preliminari, din il-kawza ghandha tinstema minn u tigi trattata quddiem, dik l-Onorabbli Qorti kif kienet presjeduta fid-data tas-sentenza.

2. Illi, fit-tieni lok, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li, ai termini tal-Art. 812 tal-Kap 12, naqas li jadopera ruhu mill-fakolta’ ta’ l-appell.

3. Illi, fit-tielet lok, it-talbet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li, ai termini tal-Art. 818(b), naqas li jipprezenta l-odjerni proceduri fit-termini hemm preskritt.

4. Illi, fir-raba' lok, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li s-sentenza tat-12 ta' Jannar, 1998 hija konformi mal-ligi u timmerita konferma.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta guramentata minn Noel Gauci.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-15 ta' Jannar, 2003.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Jannar 1998, fuq allegazzjoni illi n-notifika ma kienetx wahda valida peress illi huwa ma joqghodx fl-indirizz 25, Triq in-Nahal, Qormi fejn gie notifikat l-avviz. Fil-fatt irrizulta mill-provi illi fit-30 ta' Awissu 1997 l-avviz gie notifikat fil-fond 25, Triq in-Nahal, Qormi bl-indirizz ta' l-attur William Bugeja. L-att ircevietu certa "D Bugeja" li skond l-attur hija ohtu.

L-attur xehed illi huwa joqghod Haz-Zebbug fil-fond Santa Maria, Triq Indri Borg u f'Hal Qormi joqghodu ommu u ohtu. L-attur ighid ukoll li qatt ma rcieva l-ebda att jew xi ittra minghand is-socjeta' konvenuta jew l-avukat taghha. Gie esebit estratt mir-registru elettorali ta' Ottubru, 1997 (Fol 57) minn fejn jidher li William Bugeja mhuwiex registrat fuq il-fond 25, Triq in-Nahal, Qormi. Irrizulta pero' li ntbaghtet ittra interpellatorja mill-avukat tas-socjeta' konvenuta fl-10 ta' Lulju 1997 fl-indirizz 'Springfield' Triq in-Nahal, Qormi. Din l-ittra waslet ghand l-attur peress illi l-avukat tieghu rrisponda b'ittra ohra tat-22 ta' Lulju, 1997 (fol 62) fejn wiegeb ghan-nom ta' William Bugeja u pogga l-indirizz tieghu bhala 25, Triq in-Nahal, Qormi. L-avukat tas-socjeta' attrici rega' rrisponda b'ittra ohra ta' l-10 ta'

Marzu, 1998 fl-istess indirizz li gie ndikat lilu fir-risposta ta' l-avukat ta' l-attur, izda ta' din l-ahhar ittra ma saritx twegiba.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza jinkombi fuq l-attur li jipprova li huwa ma giex validament notifikat fil-kuntest ta' l-artikolu 187(1) tal-Kap 12 li jghid "*li notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lil persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata*" u taghti bhala wahda mill-metodi *illi "tithalla f'idejn membru tal-familja".*

L-attur stess ighid illi l-att probabilment ircevietu ohtu Doris illi toqghod fil-fond indikat. Irrizulta wkoll illi mhux l-ewwel darba illi l-attur ircieva korrispondenza mill-fond 25, Triq in-Nahal, Qormi. Zgur illi l-ittra interpellatorja ta' l-10 ta' Lulju, 1997 waslet ghandu b'dan il-mod u ghalhekk kien jinkombi fuqu illi jipprova illi anke dan l-att ma giex ghandu.

Fil-kawza *Carmelo Aquilina vs Lawrence Ciantar* (Vol LXXVI pt iv pg 666) il-Qorti afferrmat il-principju illi *min jallega illi ma giex debitament notifikat, ghandu jgorr l-oneru illi jipprova tali allegazzjoni u jrid ukoll jipprova sodisfacentement illi hu ma kellu l-ebda htija f'dak illi gara.*

F'din il-kawza wkoll in-notifika giet ircevuta minn oht l-attur li kienet hallithielu fuq l-iskrivanija fejn kienet is-soltu thalli l-posta tad-dar. Il-Qorti rrimarkat *"…… li kien id-dover ta' l-attur li kien jaf b'dan l-arrangament, illi jiehu hsieb jigbor l-ittri li jaslulu u jara li ma jintilfux fost karti ohra. Jekk dan id-dover l-attur ma qedix, isegwi li l-izball jew il-kolpa kienu b'xi mod attribwibbli lill-istess attur."*

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-aktar fattur importanti ghal fini ta' din il-kawza, hu illi l-attur William Bugeja kien jaf u ta l-kunsens tieghu sabiex ittri jew atti indirizzati lilu jigu notifikati fir-residenza ta' ommu. Dan, ipoggi oneru fuqu li jassigura li jigi a konoxxenza ta' dawn l-atti u ittri, u l-mod kif jaghmilha hi affari tieghu. Jekk ghal xi raguni s-sistema ma tiffunzjonax, ma jistax jinheba wara skuzi

opportunistici biex jahrab mir-responsabbiltajiet tieghu. Ix-xhieda illi ta l-attur quddiem il-Qorti (fol 50) hija ghal kollox suspetta u m'ghandhiex titwemmen, anzi l-Qorti hija konvinta illi l-attur ried japprofitta ruhu minn din is-sitwazzjoni biex jahrab mill-obbligazzjonijiet tieghu. Ghalhekk il-Qorti ma jidhrilhiex illi dana huwa kaz fejn ghandha tiddisturba s-sentenza tat-12 ta' Jannar 1998, peress illi jidhrilha illi n-notifika kienet valida fil-kuntest ta' l-artikolu 187 (1) tal-Kap 12.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-ewwel talba ta' l-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------